

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2011/858/PESK

tad-19 ta' Diċembru 2011

### **li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/784/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK (<sup>1</sup>) dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) li kienet estiża l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/955/PESK (<sup>2</sup>) u skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010.
- (2) Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/784/PESK (<sup>3</sup>) li kompliet mill-1 ta' Jannar 2011 il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani, u li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011.
- (3) Fit-8 ta' Novembru 2011, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) irrakkomanda l-estensjoni teknika tal-EUPOL COPPS għall-sitt xhur oħra.
- (4) L-EUPOL COPPS għandha tiġi estiża ulterjorment mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012 abbażi tal-mandat attwali tagħha.
- (5) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012.
- (6) L-EUPOL COPPS ser titmxxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

#### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/784/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

#### **Sigurtà**

1. Il-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għandu jidderieġi l-ippjanar tal-miżuri ta' sigurtà tal-Kap tal-Missjoni u jiżgura

l-implementazzjoni korretta u effettiva tagħhom għall-EUPOL COPPS fkonformità mal-Artikoli 5, 6 u 9, fkoordinazzjoni mad-Direttorat tas-Sigurtà tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

2. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun responsabbi għas-sigurtà tal-EUPOL COPPS u sabiex jiżgura konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sigurtà applikabbi għall-EUPOL COPPS, fkonformità mal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-persunal skjerat barra l-Unjoni f'kapaċità operattiva taħt it-Titolu V tat-Trattat, u l-istrumenti ta' sostenn tiegħu.

3. Il-Kap tal-Missjoni għandu jkun assistit minn Uffiċjal Anzjan tas-Sigurtà tal-Missjoni (SMSO), li għandu jirrapporta lill-Kap tal-Missjoni u jżomm ukoll relazzjoni funzjoni mill-qrib mad-Direttorat ta' Sigurtà tas-SEAE.

4. Il-persunal tal-EUPOL COPPS għandu jingħata taħriġ obbligatorju ta' sigurtà qabel ma jibda dmirjetu, fkonformità mal-OPLAN. Hu għandu jirċievi taħriġ regolari ta' aġġornament fuq il-post organizzat mill-SMSO.;"

- (2) L-Artikolu 13 paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 għandu jkun EUR 8 250 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2012 sa 30 ta' Ġunju 2012 għandu jkun ta' EUR 4 750 000.;"

- (3) L-Artikolu 16, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2012.".

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

**Għall-Kunsill**

**Il-President**

M. DOWGIELEWICZ

(<sup>1</sup>) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.

(<sup>2</sup>) ĠU L 330, 16.12.2009, p. 76

(<sup>3</sup>) ĠU L 335, 18.12.2010, p. 60